*Personalità Ġużeppina li għamlet isem lil Art Twelidna*



# Ħamsin sena ta' ħidma ta' ANTON AGIUS

ANTON AGIUS huwa skultur fil-bronż, concrete, ġebla cold cast bronze, ram ibbuzzat ċeramika, lino printing u fl-injam, kif ukoll disinjatur tal-bolli u jagħmel ukoll xogħol bil-*watercolours*.

Huwa twieled fl-1 ta' Diċembru 1933 fir-Rabat, Malta.

Mill-1953 sal-1957 studja fl-Iskola ta' l-Arti tal-Gvern minn fejn rebaħ borża ta' studju ta' erba' snin barra. F'Ruma studja fl-Academia di Belle Arti, Scuola del Nudo dell'Associazione Artistica Internazionale kif ukoll fi Scuola delle Arti Ornamentale (Taglio del Legno). F'Londra studja f'St. Martin's School of Art, minn fejn ikkwalifika għan-National Diploma in Design, Modelling, Sculpture and Letter Cutting.

Anton Agius ħa sehem f'esibizzjonijiet ta' l-arti f'Malta kif ukoll barra u nsibu xogħlijiet tiegħu f'kollezzjonijiet ta' ħafna personalitajiet fl-Isvezja, l-Isvizzera, l-Amerika, l-Ingilterra, l-Italja, l-Irlanda, l-Ġermanja u fil-Libja.

Fl-1968 rebaħ l-ewwel premju fl-Esibizzjoni ta' l-Arti fuq id-Drittijiet tal-Bniedem li ttellgħet fil-Mużew Nazzjonali, l-Belt Valletta. Fl-1979 rebaħ l-Onorificenza per Meriti, għas-Sensibbilità Artistika tiegħu mill-Associazione Culturale Amici di Pan ta' Firenze, l-Italja. Fl-1982 rebaħ it-Targa d'Oro ta' l-Associazione Nazionale Artistica Culturale, Italia.

> *"Skultur Nazzjonali"*
>
> *Il-President*
> *Dr. Ugo Mifsud Bonnici*
> *7 ta' Frar 1999*

Is-Sur Agius għallem l-arti fl-Iskola ta' l-Arti tal-Gvern, fi skejjel Sekondarji tal-Gvern u fl-Università ta' Malta. Huwa kien eżaminatur ta' Oxford fil-Livell Ordinarju u membru tal-Bord ta' l-stetika tal-Gvern ta' Malta.

Ix-xogħlijiet tiegħu ġew esebiti f'diversi mużewijiet fosthom: Il-Mużew ta' l-Arti, l-Belt; il-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina u l-Mużew ta' Kaunas, Lithuania, Russja. Tella' wkoll esibizzjonijiet waħdu fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija l-belt Valletta fl-1967; fil-Mużew ta' l-Arti, l-Belt fl-1972; fil-Mużew Nazzjonali, l-Belt fl-1974; u fil-Mużew tal-Kattidral l-Imdina fl-1991. Ħa sehem ukoll f'esibizzjonijiet kollettivi fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija, l-Belt fl-1966; fil-Malta Society of Arts, l-Belt fl-1967; fil-Gallerija Pacem

*(ikompli f'paġna 98)*

*(jaqbad minn paġna 97)*

in Terris, New York fl-1970; fl-Istitut Kulturali Libjan, l-Belt fl-1976; fl-Istitut Kultural Għarbi, l-Belt fl-1977; fil-Mużew tal-Kattidral l-Imdina, fl-1985; f'Londra u f'Edinburgh fl-1987; fil-Biennale Internazionale del Bronzetto Dantesco Ravenna, l-Italja fl-1988; fil-Malta Biennale ta' l-1997-1998 fejn ħa t-tieni premju u fil-Biennale ta' l-Arti Nisranija fl-1998. Ħa sehem ukoll fil-wirjiet tal-Maltafest.

Monumenti tal-bronż maħduma minnu jinkludu: il-Monument tal-Ħaddiema fl-Imsida; il-Monument tal-Ħelsien fil-Birgu; Dun Mikiel Xerri u sħabu fil-Belt Valletta; il-Monument tas-Sette Giugno fil-Belt; il-Monument ta' Manwel Dimech fil-Belt u ta' Anton Buttigieg fil-Ħamrun kif ukoll dak tas-Sinjur u s-Sinjura Balbi. Ħadem ukoll il-Monumenti ta' Mons. Ġużeppi De Piro, ta' Pawlu Xuereb, ta' San Ġużepp u ta' San Franġisk li kollha jinsabu r-Rabat, Malta; ta' Mikiel Anton Vassalli u ta' Pawlu Mifsud ġo Ħaż-Żebbuġ; ta' Francis Ebejer u ta' Ġużè Ellul Mercer ġo Ħad-Dingli; ta' Lorry Sant; kif ukoll tal-General Workers Union li jinsab il-Belt Valletta.

Anton Agius għandu wkoll xogħlijiet fil-knejjes tan-Naxxar; Santa Rita ta'l-Ibraġġ; fil-Kolleġġjata ta' San Pawl ir-Rabat; Tas-Salib Imqaddes Ħaż-Żabbar; fil-knisja ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn u fil-knisja ta' l-Imtaħleb.

Fl-1998 tella' wirja personali, "Geometric Abstraction', fil-Wignacourt Museum, ir-Rabat. Wirja personali oħra ttellgħet fl-istess Mużew fl-1999.

Tagħrif miġbur minn Carmen DeGuara Micallef


# PLUMPTON GARAGE

**Daħlet id-Dejr, Rabat RBT 08**

***Prop: Peter & John Sammut***

Mechanical repairs on any type of
Light and Heavy Vehicles
both Petrol and Diesel.

Tel/Fax: (+356) 450 459
Mobile: (+356) 097 4926